**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Raymond Azzopardi**

Numru: 70/2015

Illum 2 ta' Dicembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Raymond Azzopardi,** ta' sitta u tletin (36) sena, iben Joseph u Rita nee' Camenzuli, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar il-15 ta' Mejju 1979, u joqghod 49, Triq ta' Xuxa, Kercem, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 12279(G), akkuzat talli nhar l-4 ta' April 2015, ghall-habta ta' 11:45 ta' filghodu u matul il-gimgha ta' qabel f'diversi nhawi f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Kien fil-pussess illegittimu ta' dokumenti ghall-votazzjoni jew ta' poloz tal-votazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 112 (c) tal-Kapitolu 354;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghen jew hajjar sabiex isir reat taht l-Artikolu 112 tal-Kapitolu 354 jew ttenta li jaghmel dak ir-reat.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi kollha li ngabu quddiemha;

Rat l-artikoli;

Semghet lill-prosekuzzjoni u lid-difiza jaghmlu s-sottomissjonijiet finali taghhom.

**Ikkunsidarat**:

Dan il-kaz imur lura ghar-Referendum dwar il-Kacca fir-Rebbiegha u l-elezzjoni ghall-Kunsill Lokali ta' Kercem li saru f'April 2015. Antoinette Tabone li l-vot taghha huwa registrat f'Ta' Kercem izda tghix Malta awtorizzat lil certu Raymond Azzopardi biex jigbor il-vot taghha u dan wara li offrielha li jaghmel dan.

Il-Qorti rat ix-xhieda b'mod partikolari li tat Antoinette Tabone li ddikjarat li kienet hi li tat l-awtorizzazzjoni lil Raymond Azzopardi biex jigbor il-voti taghha u li hija ma ghamlet l-ebda rapport jew ilment dwar dan il-fatt. Hija wara talbet biss li l-vot taghha tkun tista' tigbru minn Malta u dan wara li kienet diga' awtorizzat lil Raymond Zammit biex jigbrielha l-vot kif fil-fatt ghamel. Ix-xhud iddikjarat li hija la taf lil Raymond Azzopardi u lanqas lill-Kuntistabbli Mario Casha, u sal-lum ghadha ma tafx min huma. Hija ghamlitha cara darba, darbtejn waqt ix-xiehda taghha li hi m'ghamlet l-ebda ilment u lanqas awtorizzat lil xi hadd iehor li jilmenta f'isimha. Hija sostniet quddiem il-Qorti li hi ma trid li jsir deni lil hadd.

Dan huwa kaz li wasal quddiem il-Qorti mhux minhabba ilment tas-Sinjura Tabone imma wara talba li saret lill-pulizija biex jinvestigaw il-kaz.

Fil-Qorti kienet esebita biss email ta′ rapprezentant ta′ Partit li talab investigazzjoni u lanqas biss din il-persuna ingabet biex tixhed fil-kawza biex tikkonferma l-email li baghtet.

Il-Qorti tinnota li hija drawwa maghrufa u ilha snin stabilita f'Ghawdex illi l-voti jingabru minn individwi nkluz dawk li jiehdu hsieb xi proprjetajiet ta' Maltin u barranin f'kaz tal-Kunsilli Lokali ta′ dawk li huma registrati biex jivvutaw Ghawdex izda joqghodu Malta. Jista′ jkun li dan ma jafuhx la l-Kummissjoni Elettorali u lanqas il-pulizija li ghazlu li jmexxu dan il-kaz ′il quddiem.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni Elettorali li ghandha taghmel kampanja ta' edukazzjoni pubblika biex il-pubbliku jkun infurmat x'tghid il-Ligi dwar it-tqassim tal-voti biex ma jkunx hemm min minghajr ma jaf u minghajr intenzjoni jkun qieghed jikser il-ligi meta jawtorizza lil persuna li mhix wahda minn dawk li huma eligibbli biex jigbru l-vot ta′ haddiehor u m′hu awtorizzat l-ebda persuna ohra li ma tghix f′dik ir-residenza biex tigbor il-vot ta′ haddiehor.

**Decide:**

Ghadaqstant ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 112 u 112(c) tal-Kapitolu 354 tal-Ligijiet ta′ Malta tiddikjara illi mill-provi kollha prodotti l-ingredjenti mehtiega biex tinstab htija dwar r-reati migjuba kontra l-imputat Raymond Azzopardi ma jirrizultawx u ghalhekk qieghda tilliberah minn kull akkuza.

________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**